SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IS-SITT KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 19-13**

Illum It-Tnejn, 28 ta' Ottubru 2013
Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fl-4.30p.m.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Kunsilliera: Joe Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri

**SKUŻAT**

Il-Viċi Sindku, s-Sur Terrence Ellul. Is-Sindku, Is-Sur Frederick Cutajar nforma l-Kunsill li l-Viċi Sindku kien bagħat *e-mail* li tghid li ma setax jattendi din il-laqgħa minħabba impenji tax-xogħol tiegħu.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 18-13 li saret nhar it-Tlieta, 17 ta' Settembru 2013 ġew moqrija u approvati.

### 1.1 *Mill-Minuti*

### *1.1.1 Korsijiet fit-tagħlim tal-Computer*

Il-Kunsillier Joe Bonello irrefera għall-minuta 3.1 tal-laqgħa preċedenti u staqsa jekk kienx hemm konkorenza għat-tagħlim tal-*Computer*. Is-Sindku qal li ma kienx hemm biżżejjed nies li wrew interess għaldaqstant fil-mument mhux ser isiru dawn il-*korsijiet*.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 1032-13-O – Kummissarju tal-Pulizija – *Surveillance Cameras* f'Santa Luċija
- 0988-13-O – Mepa – *Public Consultation Exercise; Revision of Local Plans*
- 0994-13-O – AllCare Brokers- *renewal of insurance policy*
- 1080-13-O Ministeru għat-Trasport u Nfrastruttura – Triq Katerina Vitale
- 0982-13-O – Green Mt – Tiġdid tal-kuntratt u pendenzi oħra

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 983-13-I – Green MT – Taħdita dwar ir-Riċiklaġġ ta' l-Iskart
- 990-13-I – Directorate of Educational Services – *Job Exposure Scheme* - Wardija
- 991-13-I – Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunita' – Appell għall-Voluntiera
- 997-13-I – Kumitat Olimpiku Malti – *MOC Local Council Sports Awards 2013*
- 1021-13-I – Skola Sekondarja tal-Bniet f'Santa Luċija – Avveniment WAW
- 1057-13-I – Care Malta – Nazzarenu Vassallo Award
- 1100-13-I – Stephen Buhagiar – Kors fil-Fotografija
- 1108 -13-I – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – Memo 26/2013: Ambaxxatur fil-Kunsilli Lokali

**2.3** ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- ***Playground Second Inspection Report***

- **SLLC Memo 9-2013 - Elezzjoni tal-Kumitat Eżkuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali**
- **SLLC Memo 10-2013 -Tiġdid ta' l-*Insurance Policy* tal-Kunsill**
- **SLLC Memo 11-2013 - Xogħol ta' *Resurfacing* fi Triq Guljetta Lopez**
- **SLLC Memo 12-2013 - Xogħol ta' *Resurfacing* fi Triq Guljetta Lopez – L-ewwel pagament**

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 983-13-I, il-Kunsill qabel li jsiru taħdidiet dwar ir-riċiklaġġ, minn uffiċċjali ta' Green Mt, waqt attivitajiet tal-Kunsill.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 990-13-I, il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jilqa' fl-Ufficcju tal-Kunsill żewġ studenti bi bżonnijiet speċjali li jattendu f'Dun Manuel Attard *Young Adult Education Resource Centre*. Is-Sindku nforma li dawn l-istudenti ser jipparteċipaw *f'Job Exposure Scheme* li qed tiġi varata għal studenti f'din l-iskola. Huwa qal li dawn l-istudenti jistgħu jieħdu l-esperjenza u taħriġ ta' xogħol billi joqgħodu fil-librerija pubblika li hija aktar aċċessibbli għal persuni bi bżonnijiet speċjali.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 991-13-I il-Kunsill qabel li jinħareġ avviż dwar talba li qed issir mid-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunita' għal nies voluntiera li lesti jaqsmu ftit tal-ħin tagħhom ma' residenti ta' San Vinċenż de Paul.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 997-13-I il-Kunsill qabel li għal din is-sena ma jipparteċipax għall-MOC Awards.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1021-13-I is-Sindku nforma l-Kunsill dwar avveniment mifrux fuq tlett ijiem, bl-isem ta' WAW *(What a Weekend*) li ser isir f'Mejju 2014 fi Ġnien is-Serenita'. Huwa qal li dan l-avveniment ser jittella' mill-Iskola Sekondarja tal-Bniet f'Santa Luċija u qed jiġi ko-ordinat ma' l-Lokalitajiet tar-Regjun li minnhom ġejjin l-istudenti ta' din l-Iskola. Huwa kompla jgħid li filfatt għandu laqgħa ma' l-għalliem inkarigat minn din l-inizjattiva u ser ikun qed iżomm lil Kunsill infurmat b'kull żvilupp li jista' jkun hemm.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru1057-13-I il-Kunsill innota li nfetħu n-nominazzjonijiet għal Nazzarenu Vassallo Award li jirrikonoxxi individwi jew ġruppi

li jiddistingwu ruħhom permezz ta' inizjattivi mmirati biex itejbu l-ħajja ta' nies anzjani.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1100-13-I il-Kunsill iddiskuta proposta ta' għalliem speċjalizzat fil-fotografija li talab l-għajnuna tal-Kunsill biex ikun jista' jorganizza kors fuq il-fotografija għar-residenti. Il-Kunsill qabel li jinħareġ avviż bid-dettalji ta' dan il-kors biex isir magħruf jekk hemmx residenti interessati f'din il-materja.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1108-13-I il-Kunsill iddiskuta Memo 26/2013 li nħarġet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li tittratta dwar il-ħatra ta' Ambaxxaturi Żgħażagħ fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel li jinħareġ avviż għan-nominazzjonijiet biex minnhom jintagħżel żagħżugħ jew żagħżugħa ta' bejn is-sittax u taħt it-tmintax 'il sena li jkunu jistu jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Kunsill iżda ma jkollhomx dritt għall-vot. Il-Kunsill qabel ukoll li l-Kappilan li jaħdem ħafna maż-żgħażagħ jista' jgħin f'din l-inizjattiva. Il-Kunsill ser ikun qed jiltaqa fl-laqgħa li ser issir b'urġenza qabel it-8 ta' Novembru 2013 biex jinħatar l-Ambaxxatur Żgħażugh għall-Lokalita ta' Santa Luċija.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Proġett taċ-Ċentru Ċiviku f'Santa Luċija*

Il-Kunsill iddiskuta ittra li nbagħtet mill-Mepa fejn il-Kunsill ingħata data stabbilita' biex jindirizza l-pendenzi marbuta ma' l-applikazzjoni għal permess ta' żvilupp għal proġett ta' bini ta' Ċentru Ċiviku f'Santa Luċija. Il-Kunsill qabel li mhux qiegħed f'pożizzjoni li jħallas is-somma ta' €14698,56 biex tiġi pproċessata l-applikazzjoni tal-Mepa għal dan l-isvilupp. Il-Kunsill qabel li jekk il-Mepa tirtira din l-applikazzjoni l-Kunsill jerġa japplika meta jkun il-waqt opportun.

### 4.2 *Proġett Reaction – it-tieni avveniment internazzjonali*

Is-Sindku ippreżenta quddiem il-Kunsill rapport tad-diskussjonijiet li saru waqt l-avvenitment hawn fuq imsemmi li kellu t-tema "*Citizens as a Resource for the Development of Local Communities*". Huwa rrefera għal parteċipazzjoni tal-Kunsill f'dan il-proġett u ta rendikont ta' l-andament tat-tieni avveniment marbut ma' dan il-proġett li sar f'Marghita fir-Rumanija f'Ottubru 2013. Is-Sindku qal li l-Kunsill ħa sehem attiv f'diversi *workshops* u ta kontribut siewi dwar diversi materji li ġew diskussi marbuta mat-tema ta' dan il-Proġett.

### *4.3 Re: PA No. PA/02925/13 – Formazzjoni ta' 5-a-side Football Pitch ħdejn il-Ground tal-Football f'Dawret it-Torri*

Il-Kunsill iddiskuta proposta ta' żvilupp li qed issir mill-Malta Football Association biex jiġi ffurmat 5-*a-side football pitch* ħdejn il-*Football Ground* f'Dawret it-Torri. Il-Kunsill qal li għalkemm m'għandux oġġeżjoni għal dan l-izvilupp, ser ikun qed irressaq il-kummenti tiegħu quddiem il-Mepa. Il-Kunsill qabel li s-siġar, il-bankijiet u l-*lamp poles* li ser jinqagħlu għandhom jiġu *reinstated* f'din l-istess l-*area*

### *4.4 Playground Second Inspection Report*

Il-Kunsill iddiskuta ir-Rapport hawn fuq imsemmi li sar f'Ġunju 2013. Is-Sindku qal li minn dak inhar, sar xogħol ta' manutenzjoni fuq ir-*rubber matting* tal-*playcentre area* u tal-*cradle swing*. Ir-rapport semma wkoll bżonn ta' manutenzjoni tal-bandli u ġie nutat li l-manutenzjoni fuq il-*frame* tal-bandli diġa kienet saret fis-sena 2012. Fir-rigward tal-manuntenzjoni tal-bankijiet il-Kunsill qabel li x-xogħol għandu jiġi ordnat biex jiġi eliminat kull periklu.

### *4.5 Sotto Kumitat għall-Anzjani*

Is-Sindku nforma l-Kunsill kien avviċinat minn kopja anzjana li pproponew li l-Kunsill joħroġ b'xi inizjattiva biex residenti anzjani fil-lokalita ikollhom fejn jiltaqu u jqattu ftit tal-ħin flimkien. Is-Sindku ħeġġeġ lil Kunsillier Joe Bonello li huwa responsabbli mill-anzjani biex iwaqqaf sotto kumitat biex jaħdem fuq din l-inizjattiva. Is-Sindku qal ukoll li kien ser ikellem lil Kappillan dwar din il-proposta. Il-Kunsill qabel li joħroġ avviż biex min hu nteressat li jkun f'dan is-sotto kumitat, jinforma l-Kunsill.

### 4.6 *Surveillance Cameras f'Santa Luċija*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kien tkellem u kiteb lil Kummissarju tal-Pulizija dwar il-possibilta' li jiġu nstallati numru ta' *surveillance cameras* madwar il-lokalita' ta' Santa Luċija. Huwa qal li mit-tweġiba tiegħu l-Kummissarju jidher li ser jilqa din il-proposta biex f'din il-lokalita' jsir *pilot project* bis-*surveillance cameras* bħala mezz ta' kif tinżamm l-ordni u s-siġurta' pubblika.

### 4.7 Tiġdid ta' l-*Insurance Policy* tal-Kunsill

Is-Sindku rrefera għal memo SLLC 10-2013 li nbagħtet lil-Viċi Sindku u Kunsilliera dwar it-tiġdid tal-*Insurance Policy* tal-Kunsill. Huwa qal li billi ma kienx hemm oġġezzjoni l-*Insurance policy* ġiet imġedda bit-termini l-ġodda għal perjodu ta' sena.

### 4.8 Triq Katerina Vitale

Is-Sindku irrefera għal *Maintenance Report* li ntbagħt lil Kunsill minn Trasport Malta fir-riġward ta' bżonn ta' xogħol ta' manutenzjoni fuq it-Triq Katerina Vitale. Is-Sindku qal li fit-tweġiba tiegħu l-Kunsill bagħt kwotazzjoni tax-xogħol involut, biex issir din il-manutenzjoni, liema kwotazzjoni tammonta għas-somma ta' €12,264.56. Il-Kunsill wieġeb ukoll li bħalissa l-fondi għal xogħol ta' *resurfacing* li għandu l-Kunsill huma kommessi għal xogħol ta' *resurfacing* ta' tlett toroq prinċipali taħt l-iskema tal-PPP.

### 4.9 Viċi President tar-Reġjun Nofsinhar

Is-Sindku nforma l-Kunsill li hu kien inħatar bħala Viċi President tar-Reġjun Nofsinhar.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV4756 sa numru BOV4787 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għall-perjodu bejn it-18 ta' Settembru 2013 u t-8 ta' Ottubru 2013 (Skeda Nru. CM19)

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 18-12(17-09-2013),

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

| | | |
|---|---|---|
| Salarji għax-xahar ta' Settembru 2013 | Ammont *Gross* | €5296.52 |
| Salarji għax-xahar ta' Ottubru 2013 | Ammont Gross | €4950.15 |

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **Euro** |
|---|---|---|---|
| ELC Ltd, | PKG57 | Servizz – Sett.13 | 2061.50 |
| Savior Mifsud | (PCA) 57/11/06 | Servizz – Sett.13 | 530.01 |
| Ricky Caruana | RM/PF(57/12/02) | 09/2013 | 929.10 |
| Owen Borg | SS(57/12/01) | Serv. Sett.13 | 1025.20 |
| Ronald Bezzina | RC(57/10/01) | Serv.Awissu 13 | 2888.25 |
| Ronald Bezzina | RC(57/10/01) | Serv.Sett.13 | 2835,75 |
| Rite Mix | RR(PPP)(57/11/02) | Kisi ta' Toroq Triq Gulietta Lopez – 1st Installment | 37,757.00 |

## 6. SLLC Q(57-13-01) *ON LINE STREAMING* TAL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

Waqt din il-laqgħa nfetħu l-kwotazzjonijiet li rċieva l-Kunsill għas-sejħa hawn fuq imsemmija. Għal din is-sejħa li kienet tagħlaq f'nofsinhar tal-Erbgħa, 16 ta' Ottubru 2013 intefgħu sitt offerti. Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tagħmel evalwazzjoni tar-rati mitfugħa u għandu jintalab parir tekniku dwar l-apparat inkluż f'dawn il-kwotazzjonijiet. Is-Sindku qal ukoll li l-kuntrattur li jagħżel il-Kunsill irid ikun ikkonfermat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li ser jidħol fid-dettal tekniku ta' l-kwotazzjoni magħżula.

## 7. ATTIVITAJIET TAL-MILIED

Il-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet li ser isiru fi żmien tal-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Ġiet approvata kwotazzjoni għas-somma ta' €1099 biex jixtgħelu l-pjazzez u x-*shopping centres*. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jsir *carol singing* fit-toroq tal-lokalita'. Din l-attivita' ser tkun mifruxa fuq tlett ijiem bil-korijiet ikantaw għal sagħtejn kull darba. Is-Sindku qal li l-iskola Sekondarja tal-Bniet ukoll qed torganizza *carol singing* fil-Lokalita' għaldaqstant għandu jsir kordinament ma' l-iskola dwar din l-inizjattiva. Il-Kunsill qabel ukoll li l-*Xmas Party* għal anzjani jsir nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Diċembru 2013.

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Viċi Sindku, li ma setgħax ikun preżenti għal din il-laqgħa, kien bagħat nota dwar *Xmas Party* taż-żgħażagħ li ser jiġi organizzat bil-kollaborazzjoni tal-Kappillan u ser isir fis-27 ta' Diċembru 2013 ġewwa s-sala tal-Knisja. Attivita' oħra li ser issir bil-kollaborazzjoni tal-Kappillan hija *tournament* ta' ġurnata li ser isir fil-*playing field area*. Wara dan it-*tournament* ser isir ukoll bejgħ ta kejkijiet u affarijiet oħra relatati ma' żmien il-Milied. Aktar dettalji dwar dawn iż-żewġ inizjattivi għandhom jingħataw mill-Viċi Sindku aktar il-quddiem,

## 8. KUNTRATT GREEN MT

Il-Kunsill ma segħtax jiddiskuti dan il-kuntratt peress li kien għadu ma rċiviex kopja ta' dan id-dokument mill-Green Mt skond ma kien imwiegħed**.**

## 9. XOGĦOLIJIET

### *9.1 Rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'*

Is-Sindku tkellem dwar l-andament tal-proġett ta' Rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'. Huwa qal li x-xogħol fuq il-funtana fid-dħul tal-Ġnien jinsab lest u sa' l-aħħar ta' Novembru 2013 ser ikun lest ix-xogħol ta' kostruzzjoni fuq iż-żewġ

*pavillons* fuq in-naħa ta' wara tal-Ġnien. Is-Sindku qal li x-xogħol miexi skond t-*time frames* stabbiliti.

### 9.2 *Xogħol fuq bankini*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar ix-xogħol li għaddej bħalissa fuq il-bankina f'Dawret it-Torri. Huwa qal li għalkemm ix-xogħol jidher li qed isir sewwa, dan qed isir bil-mod wisq.

### 9.3 *Kostruzzjoni ta' Underground water reservor fi Triq il-Ġnien*.

Is-Sindku rrefera għal proġett hawn fuq imsemmi u qal li ħarġet is-sejħa għal offerti għal dan il-proġett. Huwa qal li peress li dan il-proġett qed isir taħt skema tal-Gvern Ċentrali u kellu jitlesta sa l-aħħar ta' din is-sena, l-Kunsill kellu jitlob estenjoni ta' sitt xhur. Huwa qal li din l-estenzjoni ġiet approvata mid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali u l-Kunsill ingħata sa Ġunju 2014 biex ilesti dan il-proġett.

### 9.4 ATM

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-*Enviroinment and Planning Commission* tal-Mepa pposponit id-data ta' meta kellha tinstema l-applikazzjoni għal proġett ta' l-ATM. Is-Sindku qal li l-periti resqu xi emenda fil-pjanta originali u ser jagħmlu kuntatt ma' l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' biex jiġu ċċarati xi punti.

### 9.5 *Notice Board* Elettroniku

Is-Sindku rrefera għal *notice board* elettroniku li xtaq jagħmel fi Pjazza 7 ta' Lulju. Huwa qal li minn kwotazzjoni li kien ġab minn kumpanija fl-Italja l-ispiża nvoluta tammonta għal madwar €3500.00+Vat. Huwa qal li parti minn din l-ispiża tista tiġi koperta mill-UIF tal-Mepa għal Lokalita ta' Santa Luċija. Is-Sindku ppropona li toħroġ sejħa għal kwotazzjonijiet biex issir provista għal din l-ispiża fil-*Budget* għas-sena 2014.

### 9.6 Iz-Zuntier tal-Knisja

Il-Kunsill iddiskuta il-mod ta' kif fil-present, meta jkun hemm funeral, il-karozza funebri trid tieqaf fuq in-naħa ta' wara tal-knisja. Il-Kunsill ppropona li jsir aċċess għal fuq iz-zuntier minn fejn il-ħwienet f'Dawret it-Torri fejn issir *bollard* ikkontrollata. Is-Sindku qal li l-proġett taz-zuntier tal-Knisja diġa ntbagħt lil Ministru għat-Trasport u Nfrastruttura biss għad ma hemmx data stabbilita' dwar meta ser jiġi mplementat. Huwa kompla jgħid li l-proposta hawn fuq imsemmija għanda tiġi diskussa aktar fid-dettal mal-Kappillan.

## 10 TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.15 p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar il-Ġimgħa, 15 ta’ Novembru 2013 fl-4.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati Ilum ……………….,..... ta' ......................… 2013**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**